27 JUL 2021

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 545**

**Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**545.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

545.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

**545.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

545.2.1 Il-minuti tal-543 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

545.2.2 Il-minuti tal-544 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

**545.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

545.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi t-talba għad-devoluzzjoni tal-ħanut numru 1 fiċ-Ċentru Ċiviku kienet ġiet sottomessa. Is-Sindku talab lill-membri preżenti japprovaw il-finanzjament tal-ispiża nvoluta kif ġej: matul is-sena 2021 il-Kunsill kien qed jistma li jagħmel nefqa ta' €6,500. Din l-ispiża kienet tinkludi, fost oħrajn, għamara tal-uffiċju, xiri u tqegħid ta' madum, tibjid u tikħil tal-kamra, xiri ta' faċilitajiet sanitarji, spejjeż tal-*electrician* u *plumber* u tibdil tal-aperturi. Matul is-sena 2022 u is-sena 2023 nefqa rikorrenti li tammonta għal €500 fis-sena. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-ispiża ta' €7,500 matul is-sena 2021, 2022 u 2023 fil-ħanut numru 1, fiċ-Ċentru Ċiviku.

545.3.2 Is-Sindku rrefera għas-servizz ta' ġbir ta' skart riċiklat u nforma lill-membri preżenti li wara li ġiet komunikata d-deċiżjoni tal-Kunsill liż-żewġ operaturi, il-kumpanija *Greenpak Coop* bdiet tiġbor l-*IBINS* mil-lokalità mingħajr ebda pre avviż. Barra minn hekk il-kumpanija *Greenpak Coop* infurmat lill-Kunsill li l-aħħar ġabra kienet ser issir nhar it-Tlieta 22 ta' Ġunju 2021. Is-Sindku qal illi b'effett minn nhar il-Ġimgħa 25 ta' Ġunju, il-ġbir tal-iskart riċiklat ser jibda jsir mill-kumpanija *Green MT*. Is-Sindku spjega li kien ingħata parir mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex iżid termini addizzjonali fil-kuntratt li ġie ppreżentat mill-iskema magħżula. Is-Sindku qal illi l-kuntratt mal-*GreenMT* kien ser jiġi ffirmat wara li jiġi revedut mill-avukat tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li minkejja li l-Kunsill talab li jsir ġbir ta' skart riċiklat darbtejn fil-ġimgħa, għalissa dan ma setax isir minħabba li l-bidliet fl-iskeda tal-ġbir ta' skart għandhom ikunu riflessi fl-avviż legali relatat mar-regolamenti dwar l-abbandun, ir-rimi u t-tneħħija ta' skart fit-toroq u f'postijiet jew żoni pubbliċi. Is-Sindku spjega li kien qed jagħmel kull pressjoni possibli sabiex isir it-tibdil meħtieġ fl-avviż legali.

545.3.3 Il-Viċi Sindku staqsiet meta kienu ser jitpoġġew l-*IBINS* fil-lokalità, kif ukoll jekk l-*IBINS* kienux ser jerġgħu jsiru fl-istess toroq bħalma kienu qabel. Is-Sindku

wieġeb fin-negattiv u qal illi waqt laqgħa tal-Kunsill kien ġie deċiż li l-*IBINS* ta' Triq Mons Sidor Formosa fiż-żona tal-Plier, Triq San Ġużepp, Triq il-Bikri fiż-żona tal-Ħofra u Triq Sant Antnin jiġu rilokati fi Triq Villabate, l-*IBINS* li hemm f'Misraħ Alofju Wignacourt jiġu rilokati fi Triq il-Farfett tal-Fejġel u l-*IBINS* li hemm fi Triq il-Fraxxnu kantuniera ma' Triq il-Ġilju jiġu rilokati fi Triq l-Pellegrinaġġ tar-Roti kantuniera ma' Triq l-Attakk tal-Franċiżi. Sabiex jonqos l-abbuż madwar il-*bring in sites*, is-Sindku qal illi kien intlaħaq ftehim mal-kumpanija *Green MT* sabiex tissuplixxi *CCTV cameras* filwaqt li l-Kunsill iħallas għall-konsum tad-dawl tagħhom. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk hux it-tlett żoni kienu ser ikunu mgħassa bil-kameras tas-sigurtà. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sindku żied jgħid li l-*bring in sites* kienu ser jitpoġġew mill-1 ta' Lulju 2021. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx ser jerġa' jitpoġġa *bring in site* tal-ħġieġ f'Misraħ is-Sliem. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

545.3.4 Fis-6.20 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

545.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva mingħand l-ERA dwar ir-regolament 10 (2) tar-Regolamenti dwar l-iskart (L.S.549.63) li jistipola li l-Kunsill għandu jalloka spazju għall-provvediment ta' *recycling points* għal kull elfejn (2,000) abitant f'kull lokalità. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser ikun qed jipprovdi *Recycling Points* kif mitlub mill-ERA.

545.3.6 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva sabiex jitpoġġew *bins* madawar il-lokalità fejn wieħed jista' jiddisponi minn żejt veġetali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jpoġġi l-*bins* taż-żejt wara li ż-żoni tal-*bring in sites* ikunu mgħassa b'kameras tas-sigurtà.

545.3.7 Il-Viċi Sindku wriet it-tħassib tagħha minħabba l-anzjani li kienu jagħmlu użu mill-*bring in sites* li kien hemm fiż-żona tal-Plier u fiż-żona tal-*Housing Estate* peress illi kienet ser tiżdied id-distanza sabiex wieħed ikun jista' jmur jarmi l-iskart riċiklat. Is-Sindku qal illi s-servizz tal-ġbir tal-iskart riċiklat kien ser jibqa' jiġi offrut minn wara kull bieb, u żied jgħid li l-Kunsill kien qed jipprova jżied il-ġranet ta' ġbir ta' skart riċiklat kif ukoll il-ġbir tal-ħġieġ.

545.3.8 Is-Sindku rrefera għall-petizzjoni mibgħuta mir-residenti li joqgħodu fi Blokka A u Blokka B fi Triq Papa Piju X11 sabiex titneħħa *hanger* għall-boroż tal-iskart li kienet twaħħlet riċentament fit-triq tagħhom. Is-Sindku spjega li dawn il-*hangers* kienu twaħħlu minħabba li numru ta' residenti kienu qed joħorġu l-borża tal-iskart fil-kantuniera tat-triq; u barra minn hekk kien hemm xi wħud li kienu qed joħorġu l-borża mhux skont l-iskeda. Is-Sindku spjega li skont il-*policy* tal-*Planning Authority* l-izviluppatur ta' blokka ta' tmintax il-appartament kellu jipprovdi kamra fejn jitpoġġa l-iskart. Is-Sindku żied jgħid li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-unika soluzzjoni li setgħet tiġi addottata kienet li jitpoġġew dawn il-*hangers* u li r-residenti jikkoperaw. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li meta twaħħlu l-aħħar żewġ *hangers,* residenta minn Triq Papa Piju X11 kienet ippruvat

taqlagħhom u l-Kunsill kellu jitlob l-assistenza tal-pulizija dwar dan. Barra minn hekk il-Kunsill kien għamel kuntatt mal-amministraturi responsabbli ta' din il-blokka sabiex jgħaddi kopja tar-regolamenti tal-iskart lill-*condomini*.

545.3.9 Il-Viċi Sindku qalet li l-Kunsill għandu jirrispetta l-opinjoni tar-residenti u jneħħi l-*hangers* li kienu twaħħlu. Il-Viċi Sindku qalet li fil-passat meta r-residenti kienu ressqu petizzjoni dwar proġett partikolari, il-Kunsill kien mexa max-xewqa tar-residenti, u għalhekk din id-darba għandu jimxi bl-istess mod. Is-Sindku qal li l-petizzjoni li qed tirreferi għaliha l-Viċi Sindku kienet relatata ma' proġett u din id-darba id-deċiżjoni kellha tittieħed minħabba li kien hemm ksur tar-regolamenti dwar l-iskart. Il-Viċi Sindku qalet li l-*hangers* tal-iskart ġew imposti fuq ir-residenti minkejja li l-maġġoranza tagħhom ma jriduhomx. Is-Sindku qal illi l-interess tal-Kunsill Lokali huwa li jtejjeb il-ħajja u l-kwalità tar-residenti anke jekk ikun hemm ċirkostanzi fejn xi wħud mir-residenti ma jaqblux mad-deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku talbet li dawn il-*hangers* għandhom jitneħħew minn Triq Papa Piju X11 peress illi ma kienux ser isolvu l-problema tal-iskart. Is-Sindku qal illi jekk jitpoġġew il-boroż tal-iskart tal-*condomini* kollha wara l-bieb tal-entratura, il-bankina kienet ser tiġi żgumbrata bil-boroż tal-iskart. Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku sabiex tipprovdi soluzzjoni alternattiva. Il-Viċi Sindku talbet li l-Kunsill jieħu vot f'dan ir-rigward.

545.3.10 Is-Sur Joseph Agius qal li huwa wkoll ma kienx jaħseb li l-*hangers* għall-boroż tal-iskart kienu soluzzjoni għall-problema dwar ir-rimi ta' skart. Is-Sur Agius żied jgħid li l-*hangers* li kienu twaħħlu fi Triq Felice kienu tneħħew minħabba li kienu qed jintużaw ħażin. Is-Sindku staqsa lis-Sur Agius jekk hux sewwa li r-residenti jiżgumbraw il-bankina bil-boroż tal-iskart. Is-Sur Joseph Agius qal illi r-residenti għandhom jiġu konsultati f'kull deċiżjoni tal-Kunsill. Is-Sur Agius żied jgħid li wħud mir-residenti kienu avviċinawh sabiex jerġgħu jitpoġġew l-IBINS tal-ħġieġ li kienu tneħħew minn Misraħ is-Sliem. Is-Sindku qal li l-*hangers* għall-boroż tal-iskart saru għall-aħjar interess tar-residenti. Is-Sur Joseph Agius talab li l-Kunsill jagħti spjegazzjoni lir-residenti għaliex tneħħew l-*IBINS* minn Misraħ is-Sliem. Il-Viċi Sindku pproponiet li jittieħed vot dwar il-*hangers* ta' Triq Papa Piju X11. Is-Sindku qal illi dan ma setax isir peress illi din il-materja ma kinitx parti mill-agenda u li hu kien qed jinforma lill-membri preżenti dwar dan il-każ, fil-komunikazzjoni mis-Sindku.

545.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien ġie approvat il-Proġett fil-Komunità – Fondi LESA u qal li l-Kunsill kien ser jingħata l-massimu tal-fondi sabiex isir xogħol ta' restawr tal-faċċati tal-Mużew tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja u l-faċċata taċ-ċimiterju ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku spjega li l-massimu tal-finanzjament ta' din l-iskema kien ta' €80,000 u li 20% tal-ammont totali jrid jiġi kopert mill-Kunsill.

545.3.12 Fis-7.00 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella talab li jkun skużat.

545.3.13 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-25 ta' Lulju, 2021 żewġ atleti Żabbarin li jipprattikaw l-isport tar-Raffa kienu ser jieħdu sehem f'kampjonat sportiv ġewwa l-Italja. Is-Sindku qal illi qabel inbeda x-xogħol ta' manutenzjoni fil-5 a *side football pitch* li hemm fi Ġnien il-Kunsill, iż-żewġ atleti Żabbarin kienu qed jipprattikaw l-isport tar-Raffa fih. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien irċieva stedina mill-Kunsill ta' Bocciodromo in Pavulle fl-Italja sabiex delegazzjoni Żabbarija flimkien mal-kumitat tal-klabb tar-Raffa jitilgħu jakkumpanjaw lill-atleti Żabbarin f'dan il-kampjonat u sabiex matul din iż-żjara tiġi diskussa l-possibilità li jiġu organizzati aktar attivitajiet simili fil-futur ġewwa Malta. Is-Sur Angelo Scicluna qal illi huwa kien jaqbel li l-Kunsill jagħti l-appoġġ tiegħu fl-attivitajiet sportivi. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li l-atleti Żabbarin kienu ser jagħmlu unur lil Ħaż-Żabbar matul dan il-kampjonat. Is-Sindku qal illi jekk dan il-kampjonat jiġi organizzat f'Ħaż-Żabbar flimkien mal-Kunsill ta' Bocciodromo in Pavule, kien ser jiżdied il-kummerċ u t-turiżmu fil-lokalità. Is-Sur Joseph Agius staqsa x'kienet ser tkun l-ispiża tal-Kunsill jekk jaċċetta din l-istedina. Is-Sindku qal illi l-Kunsill irid iħallas il-biljetti tal-ajru ta' ħamsa minn nies. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas il-biljetti tal-ajru tad-delegazzjoni li ser tmur għall-kampjonat tar-Raffa fl-Italja. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill sabiex japprova l-membri tad-delegazzjoni li ser titla' tirrapreżenta lil Malta f'dan il-kampjonat. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li d-delgazzjoni tkun komposta mis-Sindku, mill-Kunsillier responsabbli tas-Sottokumitat tal-isports is-Sur Angelo Scicluna, miż-żewġ atleti li ser jipparteċipaw f'dan il-kampjonat u mill-President tal-Klabb tar-Raffa.

545.3.14 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li x-xogħol ta' restawr tal-monument ta' Papa Alessandru V11 u r-restawr tan-niċċa ta' San Ġużepp kien tlesta.

545.3.15 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kinitx ser issir in-niċċa tal-ħġieġ mal-istatwa ta' San Ġużepp. Is-Sindku qal li meta jkun hemm statwa tal-ġebel m'hemmx għalfejn ikollha vetrina tal-injam. Is-Sindku żied jgħid li l-fanal tan-niċċa kien ser jitwaħħal fil-futur viċin.

545.3.16 Fis-7.10 ta' filgħaxija s-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri daħlet għal-laqgħa.

545.3.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien inbeda x-xogħol ta' manutenjoni f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u li kien sar modifikazzjoni fid-dawl tal-pjazza. Is-Sindku żied jgħid li kif jitlesta x-xogħol tad-dawl f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, kien ser jiġi inawgurat ix-xogħol ta' restawr tal-Monument tal-Gwerra.

545.3.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ser jattendi għat-tnedija tas-servizz fil-komunità sabiex ikun ikkontrollat il-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet.

545.3.19 Is-Sindku rrefera għall-*email* li ntbgħatet lil kull Kunsillier dwar il-*Memorandum of Understanding* mibgħut mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-ftehim

mal-MTA ta' kif wieħed għandu joħroġ permessi temporanji għall-użu ta' *outdoor areas* minn stabbilimenti tal-ikel. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-maġġoranza tal-Kunsillieri kienu bagħatu l-approvazzjoni tagħhom permezz tal-*email*. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien bagħat jinforma lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li l-Kunsill kien interessat li jkun parti mill-ftehim u ffirma l-mandat kif mitlub.

545.3.20 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li f'Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm, il-Mina ta' Hompesch kienet ġiet mixgħula bil-kulur aħmar.

**545.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

545.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**545.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

545.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 ta' Mejju 2021 u l-24 ta' Ġunju 2021 li kienet tammonta għal €54,346.02.

**545.6 Ħatra ta' Evalwazzjoni tal-Offerti;**

- Servizz ta' *Contract's Manager* (ZLC 2/2021)

545.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li s-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' *Contracts Manager* (ZLC 2/2021) mal-Kunsill kienet ser tiġi ppubblikata fuq is-sistema tal-*EPPS* matul il-ġurnata tal-għada, iżda hija kellha twaqqaf il-proċess minħabba li aktar kmieni illum il-Kunsill kien irċieva direttiva dwar kif għandha tinħareġ din is-sejħa u kien jeħtieġ li jsir xi tibdil fil-kuntratt.

545.6.2 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti ta' *Contract's Manager* (ZLC 2/2021) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Brian Farrugia, mis-Sur Cameron Farrugia u mis-Sur Marco Cassar.

545.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għat-talba li saret lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex il-Kunsill jingħata konċessjoni sabiex jagħmel *direct order* skond il-linji gwida 3.5 relatata ma' xogħlijiet ċivili u nstallazzjonijiet ta' tagħmir anċillari madwar iż-żona tal-iskola. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien għadu ma ngħatax konċessjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jagħmel *direct order* minħabba li l-ispeċifikazzjonijiet tal-kwotazzjonijiet sottomessi mal-applikazzjoni ma kienux identiċi bħall-ispeċifikazzjonijiet li kienu ħarġu fis-sejħa tal-offerti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li terġa' tinħareġ sejħa għall-offerti

sabiex isiru xogħlijiet ċivili u nstallazzjonijiet ta' tagħmir anċillari għal *school zoned pedestrianised superblock* u jinbidlu l-ispeċifikazzjonijiet kif meħtieġ.

**545.7 Deċiżjoni dwar il-kuntratti;**

- Xogħol ta' Kostruzzjoni fis-*soft area* fi Triq l-Ewwel ta' Frar 1994, Żabbar

545.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-proċess t'evalwazzjoni tal-offerta Xogħol ta' Kostruzzjoni fis-*soft area* fi Triq l-Ewwel ta' Frar 1994, Ħaż-Żabbar (ZLC 1/2021) kien għadu ma tlestiex.

**545.8 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

545.8.1 Ma kienx hemm talbiet għal rimbors.

**545.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

545.9.1 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-Kunsill ġie mitlub jikkonferma jekk iridx jerġa' jorganizza l-Kors Għaqal id-Dar Ħajja Aħjar minn Settembru li ġej. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jkompli jorganizza l-Kors Għaqal id-Dar Ħajja Aħjar minn Settembru li ġej. Is-Sinjura Calleja talbet li tingħata pubbliċità għas-sessjoni Għaqal id-dar, Kors tal-Ħajja aħjar li ser jiġu organizzati *online* matul ix-xhur ta' Lulju / Awwissu 2021 u sabiex fuq il-paġna tal-midja soċjali tal-Kunsill jittellgħu *videos* edukattivi dwar riċetti ta' Tikka Tajba.

545.9.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien inbeda x-xogħol tal-*gypsum* fis-sala tal-Kunsill.

545.9.3 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-kuntrattur responsabbli mill-kuntratt taż-żamma u manutenzjoni tas-*soft areas* ma kienx qed isaqqi regolarment u l-qsari li hemm fi Triq tal-Labour kienu mietu kollha bil-għatx.

545.9.4 Is-Sur Joseph Buttigieg irrefera għax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Qaqoċċ u staqsa jekk din it-triq kinitx ser tingħata wiċċ ġdid u jekk kienux ser jinbidlu l-bankini f'din it-triq. Is-Sindku qal li l-bankini ta' Triq il-Qaqoċċ kienu tajbin u ma kellhomx għalfejn jinbidlu. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien hemm parti mill-bankina fi Triq il-Qaqoċċ li kienet imkissra. Is-Sindku talab lis-Sur Buttigieg sabiex jgħidlu għal liema bankina kien qed jirreferi. Is-Sindku żied jgħid li jekk il-bankina kien tkissret mill-kuntrattur sabiex isir żvilupp, l-iżviluppatur huwa obbligat li jirranġa l-bankina. Is-Sindku spjega l-proċedura tal-garanziji bankarji marbuta mal-bankini meta jsir xogħol ta' żvilupp. Is-Sur Buttigieg qal illi sa fejn jaf hu, ma kienx sar xogħol ta' żvilupp. Is-Sindku reġa' talab lis-Sur Buttigieg jgħidlu għal liema bankina kien qed jirreferi.

545.9.5 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jitwaħħlu *litter bins* kull fejn hemm *bus stop* madwar il-lokalità. Is-Sindku staqsa lis-Sur Buttigieg sabiex jiġbor informazzjoni

dwar fejn m'hemmx *litter bins*. Is-Sur Buttigieg qal illi huwa ma kellux ċans idur il-*bus stops* u żied jgħid li huwa kien infurmat li fi Triq tal-Labour ma kienx hemm *litter bins* maġenb il-*bus stops.*

545.9.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Viċi Sindku kienet għada kif infurmata li qed tinqatala' il-konnessjoni tal-*internet* u li kienet qed issib diffikultà biex terġa' tidħol għal-laqgħa.

545.9.7 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsiru *street calmers* fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa minħabba li kien qed isir sewqan eċċessiv.

545.9.8 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fi Triq il-Kapuċċini fil-viċinanzi ta' Triq Santa Liberta kien tħalla gandott mgħotti bil-pjanċa u kien hemm periklu għas-sewwieqa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill diġa kien għamel rapport lill-entitajiet ikkonċernati dwar dan l-ilment.

545.9.9 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk kienx ser isir infuzar mil-LESA fiż-żoni fejn kienu tneħħew l-*IBINS*. Dan minħabba li kien qed isir rimi illegali tal-iskart. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien għadu għaddej bid-diskussjonijet mal-LESA dwar dan.

545.9.10 Is-Sur Angelo Scicluna reġa' semma l-ħtieġa li ssir *zebra crossing* fil-viċinanzi tal-grawnd tas-St Patrick. Is-Sur Scicluna staqsa f'hix kien wasal il-proċess biex issir iz-*zebra crossing.*

545.9.11 Is-Sur Angelo Scicluna staqsa meta kien ser jingħata wiċċ ġdid fi Sqaq San Vinċenz minħabba li kien fih ħafna ħofor perikolużi. Is-Sindku qal li l-ewwel kien irid jitlesta x-xogħol tal-isqaqien ta' wara l-knisja kif ukoll Sqaq Lajri qabel jinbeda x-xogħol fi Sqaq San Vinċenz.

545.9.12 Is-Sur Angelo Scicluna talab li Sqaq San Vinċenz jitnaddaf aktar ta' spiss minħabba li kien qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb. Is-Sur Scicluna talab li jitwaħħal *bin* tal-klieb f'dan l-isqaq. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk ir-residenti kienux iridu li jitwaħħal *bin* tal-klieb fl-isqaq tagħhom. Is-Sur Scicluna qal illi kien ser jiċċekkja dwar dan. Is-Sur Scicluna talab li jitneħħa mutur mill-istess sqaq minħabba li kien ilu aktar minn sena mitluq fit-triq. Is-Segretarju staqsiet jekk il-mutur kellux liċenzja tat-triq.

545.9.13 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas talbet li ssir *road hump* fil-viċinanzi tal-grawnd tas-St *Patricks* minħabba li kien qed ikun hemm xi żgħażagħ itellqu bil-karozzi f'din it-triq.

545.9.14 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien ser jiġi organizzat il-parkeġġ fi Triq il-Kittien fil-viċinanzi ta' Triq Bormla.

545.9.15 Il-Viċi Sindku talbet li ssir *road hump* fi Triq l-Iskola fil-viċinanzi ta' Triq Santa Tereża. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk ir-residenti kienux lesti li jaċċettaw li

ssir *road hump* quddiem ir-residenza tagħhom. Is-Sindku qal illi l-Kunsill diġa kien irċieva talba mir-residenti sabiex issir *road hump* bejn Triq il-Qalb Imqaddsa u Triq Felice. Is-Sindku żied jgħid li fil-futur viċin kien ser jinbeda x-*xogħol ta' resurfacing* ta' Triq l-Iskola. Is-Sindku wera t-tħassib tiegħu dwar ir-*road humps* minħabba li fi Triq l-Iskola kien hemm l-*istorm water culverts* minħabba l-problema tal-għargħar li hemm fil-madwar.

545.9.16 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jsiru *rain water culverts* fi Triq il-Qalb Imqaddsa ma' Triq Lia sabiex tittaffa l-problema tal-għargħar.

545.9.17 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx ser jingħata wiċċ ġdid ta' Triq l-Iskola kollha. Is-Sindku qal illi kien għadhom għaddejin id-diskussjonijet dwar dan.

545.9.18 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' semma l-problema tal-għargħar li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi fil-viċinanzi tal-ħanut tal-laħam. Is-Sur Buttigieg talab li jsir *resurfacing* f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

545.9.19 Il-Viċi Sindku ressqet ilment li kienet irċeviet mingħand anzjani dwar bankijiet ġodda li twaħħlu fi Triq is-Santwarju. Il-Viċi Sindku qalet li l-anzjani kienu qed isibu diffikultà biex iqumu minn fuq il-bank. Is-Sindku qal illi kienet ser issir pjattaforma biex jogħllu l-bankijiet.

**545.10 Mozzjonijiet**

545.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**545.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

545.11.1 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 26 ta' Lulju, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija.

545.11.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-548 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 26 ta' Lulju, 2021

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku